MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1942/2005

**Frank Borda Limited (C446)**

**Vs**

**Simon Burlo` I.D. 23802 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u tmienja u disghin Liri Maltin u seba` centezmi (Lm798.07), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba` mija u tmienja u disghin Liri Maltin u seba` centezmi (Lm798.07), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------